MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tat-13 ta' April, 2010

Citazzjoni Numru. 101/2009

**A B C f'isimha proprju u f'isem it-tfal minuri**
**D E u F G ta' erba' snin**

**-vs-**

**G H**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B C f'isimha u f-isem it-tfal minuri D E u F G, fejn din wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti kellhom relazzjoni li minnha twieldu t-tewmin minuri D E u F G nhar it-2 ta' Gunju 2004 u l-intimat huwa l-missier naturali tal-minuri u rikonoxxut bhala tali (vide certifikati tat-twelid hawn annessi mmarkati bhala Dok. 1 u 2).

Illi l-partijiet kienu waslu fi ftehim sabiex l-intimat missier ihallas lill-mittenti s-somma ta’ tmien mija u hmistax-il Euro (€815) fix-xahar bhala manteniment ghaz-zewgt itfal minuri (vide abbozz ta’ ftehim anness u mmarkat bhala Dok. 3). Dan il-ftehim ma giex iffirmat peress illi l-intimat beda jirrifjuta li jakkumpanja lit-tfal minuri fuq l-ajruplan jew li jigi Malta ghall-istess tfal ghall-fini ta’ access;

Illi l-missier naturali kien fil-fatt jiddepozita s-somma ta’ tmien mija u hmistax-il Euro (€815) fix-xahar bhala manteniment ghat-tfal u l-esponenti kienet tigbed l-istess flejjes mill-kont bankarju ghall-hlasijiet tat-tfal (vide ghadd ta’ ‘withdrawal advices’ mmarkati bhala Dok. “4” sa Dok. “12” u prospett Dok. “13”);

Illi l-missier issa waqqaf kull forma ta’ manteniment ghat-tfal minuri bl-iskuza li ma ghandux flus;

Illi l-mittenti intavolat procedura ghall-medjazzjoni (ara Dok. “14” hawn anness) li falliet u li fit-tmiem taghha l-istess rikorrenti giet awtorizzata tghaddi ghal prezentata tar-rikors guramentat odjern (ara Dok. “15” hawn anness);

Illi l-mittenti m’ghandhiex triq ohra hlief li tintavola dan ir-rikors guramentat sabiex tottjeni sentenza minn din l-Onorabbli Qorti li hija tkun tista’ tenforza kontra l-intimat ghall-fini ta’ hlas ta’ manteniment, liema manteniment huwa fl-interess tat-tfal minuri taghha;

Illi inoltre jinghad illi l-missier intimat jirrisjedi permanentament fl-Italja u l-esponent ghandha bzonn tinghata l-kura u l-kustodja tat-tfal esklussivament u dan sabiex tkun tista’ tapplika f’isem it-tfal minuri u tiehu decizjonijiet fl-ahjar interess taghhom f’qasir zmien.

Illi l-missier intimat jaghmel zmien twil ma jikkomunika ma’ l-esponenti bil-konsegwenza li qeghdin ibatu t-tfal u ma tkun tista’ tittiehed ebda decizjoni dwar l-istess tfal;

Ghaldaqstant, titlob l-esponenti sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tikkonferma u takkorda l-kura u l-kustodja u l-affidament esklussiv tal-fuq msemmija ulied minuri D E u F G f'idejn ir-rikorrenti, u dana fl-ahjar interess tal-imsemmija minuri;

Tirregola l-access ta' l-intimat missier;

Tordna lill-intimat ihallas manteniment lir-rikorrenti ghal hawn fuq imsemmija ulied minuri D E u F G, u dan fl-ammont ta' tmien mija u hmistax-il Euro (€815) fix-xahar ghaz-zewgt itfal, jew alternattivament kull ammont iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq;

Tordna lill-intimat ihallas l-arretrati tal-manteniment li huwa waqqaf ihallas unilateralment u dan dejjem limitatament ghall-manteniment tat-tfal minuri uliedu;

Rat li, ghalkemm debitament notifikat personalment fir-residenza tieghu l-Italja, il-konvenut ghazel li ma jwegibx ghall-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti prezentati.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi jirrizulta illi l-minuri D E u F G huma ulied naturali ta' G H (Certifikati tat-Twelid esibiti a fol. 5 u 6).

Il-konvenut huwa, ghaldaqstant, obbligat jikkontribwixxi ghall-manteniment taghhom, ghalkemm jirrizulta wkoll li l-kuntatt tal-konvenut mal-minuri spicca. Jirrizulta wkoll li l-konvenut m'huwa qed jaghmel ebda sforz biex jistabbilixxi relazzjoni ma' uliedu u li qed tkun l-omm li ggorr ir-responsabilita' tat-trobbija taghhom wahedha.

Jirrizulta ukoll li l-partijiet kienu ftehmu li l-missier ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' uliedu fis-somma ta' €815 fix-xahar.

Il-Qorti m'ghandha ebda raguni tvarja dan l-ammont li kien qabel mieghu l-istess konvenut.

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

1. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri D E u F G ulied G H u A B C f’idejn l-omm.

2. Tordna lill-konvenut G H jghaddi lil A B C is-somma ta’ €815 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri.

3. Tikkundanna lil G H jhallas lill-attrici s-somma ta’ €13,855 bhala arretrati ta’ manteniment.

4. Tastjeni milli tipprovdi dwar access tal-missier ghal uliedu sakemm dan tal-ahhar jersaq ghall-procedura ta’ medjazzjoni fir-rigward.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------